**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 28 ta' Frar 2025

**Il-Pulizija**

**vs**

**Davor Jahic**

(Detentur tal-karta tal-identità bin-numru 37540A)

**Il-Qorti,**

Rat li Davor Jahic ta' tlieta u tletin (33) sena, iben Nihru u Dusica, ta' nazzjonalità Serba, imwieled nhar is-sittax (16) ta' Diċembru tas-sena elf disa' mija wieħed u disgħin (1991), u residenti ġewwa fond bl-isem 2, Welcome, Triq Moroni, Gżira, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 37540A, tressaq taħt arrest u ġie akkużat talli:

*Ġewwa, l-Greens, Triq l-Uqija, Swieqi u/jew fi bnadi oħra fil-gżejjer Maltin nhar is-27 ta' Frar tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) bejn l-erbgħa ta' wara nofsinhar (16:00hrs) u l-ħamsa u nofs ta' wara nofsinhar (17:30hrs):*

*1. Volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma tkunx tikkonsisti f' elfejn u ħames mitt ewro (€2500) Iżda aktar minn mitejn u ħamsin ewro (€250) għad-dannu ta' Greens Supermarket u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra; Artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

*2. B'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra fil-kodiċi kriminali tal-liġijiet ta' Malta, kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-paċi pubbliku; Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

*Nakkużawh aktar talli bejn il-wieħed u għoxrin (21) ta' Frar elfejn ħamsa u għoxrin (2025) u it-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar elfejn ħamsa u għoxrin (2025) b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi jew dispożizzjonijiet relatati mal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda u ġewwa l-istabbiliment Greens Supermarket, Triq l-Uqija, Swieqi, u/Fi bnadi oħra fil-gżejjer Maltin:*

*3. Ikkommetta serq ta' sitt (6) fwejjaħ, liema serq huwa kwalifikat bil-ħin għad-dannu ta' ta' Greens Supermarket u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra; Artikoli 270 u 281(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

*Nakkużawh aktar talli nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Frar elfejn ħamsa u għoxrin (2025) u/jew fil-jiem u/jew il-ġimgħat u/jew ix-xhur ta' qabel ġewwa l-gżejjer Maltin:*

*4. Għamel, irċieva, kiseb, uża, jew xjentement kellu fil-kustodja jew pussess tiegħu, xi karta maħsuba biex tixbaħ hu biex tgħaddi bħala karta speċjali bħal dik provduta u użata għall-għemil ta' xi biljett ta' flus, jew xi karta speċjali bħal dik imsemmija (artikolu 188D(a) tal-kap 9 tal-liġijiet ta' Malta).*

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-ħati sabiex jirrestitwixxi lill-parti offiża kull ħaġa minnha misruqa u d-danni jew ħsara oħra hekk kif ikkontemplat fl-artiklu 15A tal-kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant filwaqt li l-Uffiċjali Prosekutur esebixxa id-dettalji personali u l-fedina penali talab li dan il-każ jigi trattat skond il-liġi.

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali sabiex din il-kawża tiġi trattata bi proċedura sommarja.

Rat li llum stess wara li l-Uffiċjal Prosekutur qara u kkonferma l-akkużi, l-imputat ammetta l-akkużi.

Rat li fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat, l-Qorti spjegat il-portata ta' l-ammissjoni, kif ukoll l-possibbli sentenza li tista' tingħata fiċ-ċirkostanzi. Tat ukoll żmien lill-imputat sabiex jerġa jikkonsulta mal-Avukat tiegħu, u tatu wkoll żmien biex jerġa jikkonsidra l-ammissjoni tiegħu,

u meta l-Qorti reġgħet staqsiet lill-imputat jekk hux qed jikkonferma l-ammissjoni tiegħu, huwa ikkonferma l-ammissjoni.

Semgħat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Fl-isfond ta' l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti ma għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati ta' l-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu.

Il-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta l-akkużi fi stadju bikri tal-proċeduri.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi wara li rat l-Artikoli 325(1)(b), 338(dd), 270, 281(a) u 188D(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni tal-imputat stess il-Qorti ssib lill-imputat Davor Jahic, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 37540A, ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, u fir-rigward tal-ewwel (1), it-tielet (3) u r-raba (4) akkuża tikkundannah għal piena ta' sentejn (2) priġunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għal żmien erba' (4) snin mil-lum, filwaqt li fir-rigward tat-tieni akkuża tikkundannah għal ammenda ta' ħamsin ewro (€50).

Bis-saħħa ta` l-Artikoli 15A u 28H tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta` Malta, l-Qorti qed tordna lill-ħati sabiex iħallas bħala kumpens l-ammont ta' sitt mija u tmin ewro u erbgħin ċenteżmu (€608.40) konsistenti f'ħames mitt ewro (€500) ħsara ikkawżata fil-bieb, u mija u tmin ewro u erbgħin ċenteżmu (€108.40) bħala valur żewġ bottijiet fwieħa wara li tlieta mill-fwieħa misruqa ġew irkuprati.

Il-Qorti takkorda l-benefiċċju taż-żmien għal-ħlas b'dana illi d-danni għandhom jitħallsu permezz ta' mitejn ewro (€200) fix-xahar, bl-aħħar pagament ikun għal bilanċ rimanenti.

Ai termini tal-artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabiltà tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali

jekk jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija jew jekk ma jsegwix id-direttiva fuqu imposta a tenur tal-Artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali u dan in segwitu għal dak kontemplat bl-artikolu 28H(8) tal-Kodiċi Kriminali.

**Dr Kevan Azzopardi B.A., LL.D**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------